DATA/DATI TAL-AWDIZZJONI .................................... ĦINIJIET ................. POST: ................................................

ISEM TAL-PRODUZZJONI ..................................... DATA/DATI .......................................

DIRETTUR/REĠISTA: ................................

*Notamenti*

## MALTOPJA 2222

***(F/f)***

**MÀRA**
**L-UNIKU SENS TA' REALTÀ.**

Sens ta' telfien - telfien tas-sens ta' żmien, bħal wieħed qed jgħix mhux fi żmienu, imma żmien indeterminat.

– Sens ta' skumdità - bħal meta wieħed ma jħossx serħan il-moħħ daqs kemm meta jkun ġewwa daru, fil-paċi... u safrattant, dan is-sens ta' telfien, ta' skumdità donnu ma jistax jimmaġinah - ma jridx jimmaġinah - li jista' jgħixu mod ieħor, jew xi mkien ieħor.

– L-uniku sens ta' realtà li naf huwa meta jaqa' fuqi dan is-sens ta' telfien, ta' skumdità, hekk li nħallih jirkbibni.

U ngħum fih bħal donni maħkuma minn droga mixtieqa, hekk li nista' nitpaxxa aħjar b'din l-eżistenza waqt li ngħix fit-truf tal-ħajja, emarġinata, nosserva kollox idur 'il hinn minni.

– Jew inkella wieqfa soptu fin-nofs, nara kollox idur madwari bla ma jmissni, bla ma jikkonċernani.

U jekk taf xi ħaga, taf li dak li tagħmel momentanjament, mhux għajr il baħħ li jimla' l-bqija ta' ħajtek.

Hija dik il-bqija ta' ħajtek - dak il-baħħ. Li jgħaddi. U tibqa' sejra bla waqfien, bla ħniena, u hekk battala u hekk bil-ħeffa, li meta tħares lura, retrospettivament, il-momentum tagħha jkun diġà kaxkrek miegħu sfrenat. *(184)*

Xogħol għadu qed jitlesta.

QR?

PDF

**ĦIN** MASSIMU ........... MINIMU .............

**PROPS** .................................................................

**VIS Á VIS** LE ☐ IVA ☐ = ..........................................

**SILTA** DRAMMATIKA, KOMIKA, KANTATA, ŻFIN.